MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2003

Numru 606/2002

**Artikolu 216(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271, 278, 279, 325, 334, 308 u 309 tal-Kap 9 u l-artikolu 10(1)(a) tal-Kap 152**
**tal-Ligijiet ta' Malta,**

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Caruana**
**V**

**PAUL MICHAEL KAVANAGH**

**Seduta ta' llum sitta (6) ta' Frar 2003**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PAUL MICHAEL KAVANAGH** ta' erbgha w ghoxrin sena bin David u Vincenza nee Zammit, imwieled Birmingham, l-Ingilterra nhar t-tmintax ta' Jannar, 1978 u joqghod 8, Bellizzi Estate, Triq San Aristarkus,

San Pawl l-Bahar, detentur tal-karta tal-identita numru 78301L, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-lejl ta' bejn l-hdax u tnax ta' Gunju, 2002,

1. Ikkommetta serq ta' apparat tal-HiFi, Personal Organizer, Mobile phone tal-marka Alcatel u Visa u Master Cards tal-BOV-HSBC u APS minn vettura tal-marka Volkswagen Golf bin-numru ta' registrazzjoni FBM 125 u li wara li uza l-istess cards irnexxielu jigbed s-somma flus mill-ATM tal-Bank of Valletta ta' San Pawl il-Bahar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sehh ghad-detriment ta' Giovanni Mamo u/jew tal-Bank of Valletta;
2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharrraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe hsarat fil-vettura tal-marka Volkswagen Golf bin-numru ta' registrazzjoni FBM 125, liema hsara ma teccedix l-hames mitt lira maltin ghad-detriment tal-imsemmi Giovanni Mamo;
3. Talli fl-erbgha w ghoxrin ta' Lulju, 2002 u matul ix-xhur ta' qabel din d-data f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex jbieghhom jew imexxihom;
4. Talli kiser il-provedimenti tal-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata hmistax ta' Mejju 2001 li biha kien gie misjub hati ta' reati w illiberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin;
5. Talli kiser il-provedimenti tal-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata hamsa w ghoxrin ta' Settembru 2000 li biha kien gie misjub hati ta' reati w illiberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn;
6. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, u cioe mill-ATM tal-Bank of Valletta f'San Pawl il-Bahar, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel li titwemmen l-

ezistenza t'intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji jew sabiex jqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika u/jew bi hsara ta' haddiehor, ghamel xi qliegh iehor b'qerq liema qliegh jeccedi l-elf lira maltin ghad-detriment ta' Giovanni Mamo u/jew tal-Bank of Valletta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-hdax ta' Dicembru 2002 esibiti fl-atti a fol 70 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja skond kif provdut fl-artikolu 370(3)(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din l-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti ta' nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Jannar 2003.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi l-Prosekuzzjoni principalment qed tallega li l-imputat sgassa l-vettura ta' Dottor Giovanni Mamo li hija tal-ghamla Volkswagen Golf bin-numru ta' registrazzjoni FBM 125 waqt li kienet ipparkjata f'San Pawl il-Bahar fil-lejl ta' bejn l-hdax w it-tnax ta' Gunju 2002 u seraq diversi oggetti ta' natura personali tal-istess Dottor Giovanni Mamo fosthom HiFi, personal organizer, mobile phone tal-marka Alcatel u xi credit cards li jappartjenu lil istess Dottor Giovanni Mamo. Illi huwa sussegwentement ghamel uzu minn dawn l-istess credit cards u seraq ammont kbir ta' flus ghad-detriment tal-istess Dottor Giovanni Mamo u biex ghamel hekk kkaguna voluntarjament hsara fil-vettura proprjeta tal-istess Dottor Giovanni Mamo fl-ammont li ma jeccedix l-hames mitt lira maltin.

Il-Qorti semghet lil **Dottor Giovanni Mamo jixhed fis-seduta tat-tmienja ta' Awissu 2002** fejn spjiega dak li gara lilu fil-lejl ta' bejn l-hdax w it-tnax ta' Gunju 2002. Huwa ddeskriva kif halla l-vettura tieghu pparkjata fid-drive-in tad-dar tieghu f'San Pawl il-Bahar, nhar l-hdax ta'

Gunju 2002 u l-ghada filghodu ghall-habta tas-sebgha nieqes kwart, sab il-hgiega ta' wara tal-istess vettura tieghu miksura u l-oggetti personali tieghu fosthom CD player tal-marka Aiwa, mobile phone u l-credit cards eighu, neqsin. Huwa ghalhekk ipproceda l-Ghassa u ghamel rapport dwar din s-serqa. Huwa spjiega li xi jiem wara kien ircieva statement tal-kontijiet bankarji tieghu w innota li xi hadd kien gibidlu xi flus mill-kont tieghu meta ma kienx hekk awtorizzat. Huwa gie muri l-credit cards esibiti f'dawn l-atti markati bhala dokument JM 3 u JM u gharafhom bhala dawk li nsterqulu mill-vettura tieghu fuq imsemmija. Huwa kkonferma wkoll li sa dakinhar li xehed huwa ma giex kkompensat ghas-serqa li kien sofra.

L-**Ispettur Angelo Caruana xehed nhar t-tmienja ta' Awissu 2002** fejn spjiega dak li ghamel rigward l-investigazzjoni mizmuma minnu in konnessjoni ma dan il-kaz. Huwa gie mghoddi ritratti mehuda mill-ATM machine tal-Bank of Valletta ta' Bugibba u f'dawn r-ritratti huwa gharaf lil imputat odjern bhala l-persuna li kienet hdejn l-ATM machine u gibdet l-flus mill-kont tal-imputat kif gie registrat u dan ghaliex ra l-hin tar-ritratt u l-hin tal-withdrawals li saru mill-kontijiet ta' Dottor Giovanni Mamo esibiti fl-atti a fol 21 sa 23 mmarkati bhala dokumenti JM u JM 1. Meta huwa wera r-ritratti li gew mghoddija lilu mill-impjegati tal-bank dokumenti AC 1 lil imputat, l-imputat ammetta mieghu li l-persuna murija fir-ritratti hija l-persuna tieghu pero qal li kien mar jigbor ricevuta mill-ATM sabiex jikteb fuqha u dan fit-tlieta w ghoxrin ta' filghodu. Aktar tard fix-xhieda tieghu l-Ispettur Angelo Caruana jghid wkoll, kif jirrizulta a fol 19 tal-atti, li l-imputat ammetta mieghu li kien hu li gibed il-flus mill-kontijiet ta' Dottor Giovanni Mamo.

**PS 1152 Emanuel Saliba xehed wkoll nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Settembru 2002** fejn kkonferma li meta l-imputat kien qed jigi nitkellem mill-Ufficjal Investigattiv, llum Prosekutur, l-Ispettur Angelo Caruana, wara li nghata s-solita twissija skond l-ligi, l-imputat ammetta mieghu li fil-fatt kien ghamel uzu mill-credit cards ta' Dottor Giovanni Mamo u fil-fatt kien akkumpanja lilu u lil Ispettur fil-post fejn kienu dawn il-credit cards. Ghaddilhom wkoll beritta li

huwa kien liebes meta gibed il-flus mill-ATM machine kif del resto jirrizulta mir-ritratti esibiti fl-atti.

**Paul Gambina, rappresentant tal-Bank of Valletta xehed nhar l-hdax ta' Novembru 2002** fejn kkonferma li Dottor Giovanni Mamo kellu zewg kontijiet li gew debitati fl-ammont ta' tlett elef u mitejn lira maltin. Illi kif jirrizulta mill-ezami tal-bank statement dan l-ammont gie kollu rtirat minn zewg kontijiet f'transazzjoni wahda wara l-ohra fl-ammont ta' mitt lira maltin fl-istess jum tat-tnax ta' Gunju 2002.

Il-Prosekuzzjoni esibit wkoll l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Lulju 2002 li tinsab esibita fl-atti a fol 24 markata bhala dokument AC 3 u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat ghazel li ma jwegibix ghal numru ta' domandi li sarulu in konnessjoni ma dan il-kaz kif del resto kellu kull dritt jaghmel, pero dan nonostante, dak li allegatament qal lil PS 1152 Emanuel Saliba u lil Ispettur Angelo Caruana waqt l-investigazzjoni jammonta ghal konfessjoni skond l-artikolu 658 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi is-segwenti:

*"Kull haga li imputat jew akkuzat jistqarr sew bil-miktubn <u>kif wkoll bil-fomm</u> tista tittiehed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm il-darba jinsab li din l-konfessjoni giet maghmula minnu voluntarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi."*

Illi dan il-kliem ta' dan l-artikolu huwa car hafna fis-sens li jispecifika jew jelenka l-kazijiet meta stqarrija ma tkunx wahda maghmula voluntarjament u cioe fil-kazijiet biss meta din tittiehed wara li l-interrogat ikun gie mhedded jew ikun taht biza, jew ghaliex jigi mwieghed jew promess xi vantagg ghalih. Huma biss dawn l-eccezzjonijiet stipulati fil-ligi li jrendu stqarrija wahda mhux moghtija voluntarjament. Fil-mankanza ta' xi wahda minn dawn l-eccezzjonijiet ghalhekk stqarrija ghandha tigi kunsidrata maghmula skond l-ligi b'mod voluntarju mill-interrogat. Issa f'dan il-kaz l-imputat, kif kellu kull dritt jaghmel, ma xehdtx f'dawn il-proceduri u ghalhekk l-allegazzjoni tal-

konfessjoni maghmula mill-imputat lil Ufficjal tal-Pulizija ma gietx kontradetta u ghalhekk tikkostitwixxi prova kontra tieghu.

Fid-dawl tas-suespost ghalhekk il-Qorti thoss li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-akkuza ta' serq aggravat bil-hin, mezz u valur.

Il-Qorti pero ma ssibx lil imputat hati tal-akkuza ta' hsara voluntarja fuq bil-vettura tal-ghamla Volkswagen Golf bin-numru ta' registrazzjoni FBM 125 peress li l-hsarat kagjonati f'din il-vettura kien il-mezz sabiex sehhet s-serqa u ghalhekk ma ssibux hati ta' din l-akkuza.

Il-Qorti rat li l-Prosekuzzjoni akkuzat wkoll lil imputat bir-reat ta' ricettazzjoni kif dispost fl-artikolu 334 tal-Kap 9. Illi l-Qorti tirrileva li din l-akkuza zgur li nghatat b'mod alternattiv ghal akkuza ta' serq f'kaz li l-Qorti ma sabitux hati ta' dan r-reat. Pero stante li kif diga ppronunzjat ruhha li sabitu hati tal-akkluza ta' serq aggravat, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-istess akkuza.

**Dwar l-akkuza ta' frodi** kif proposta fl-artikoli 308 u 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti rat li l-element ta' dan r-reat bl-ebda mod ma jirrizulta u ghalhekk **il-Qorti tiddikjara li ma ssibux hati ta' din l-akkuza.**

Dwar l-akkuza li l-imputat kiser l-provediment tal-artikolu 9 tal-Kap 152 moghti lilu permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Settembru 2000, il-Qorti ezaminat s-sentenza esibita fl-atti a fol 64 li hija mmarkata bhala dokument ABC u minn ezami akkurat taghha jirrizulta li l-imputat kien tpogga taht s-supervizzjoni ta' Ufficjal tal-Probation ghal perjodu ta' sentejn, liema perjodu kellu jiskadi fis-sitta w ghoxrin ta' Settembru 2002. Illi din s-sentenza giet ikkonfermata mill-Ispettur Simon Galea fil-konfront tal-imputat odjern nhar l-ghaxra ta' Jannar 2003 meta stqarr li huwa kien l-Ufficjal Prosekutur Investigattiv f'din s-sentenza imsemmija li nghatat fil-konfront tal-imputat Paul Kavanagh, l-imputat f'din l-kawza. Issa, peress li permezz ta' din is-sentenza l-Qorti qed ssib lil imputat hati ta' serq aggravat kommess

bejn il-lejl tal-hdax w t-tnax ta' Gunju 2002 u cioe fil-perjodu operattiv tal-ordni ta' probation, il-Qorti tiddikjara li l-istess imputat kiser din l-ordni ta' probation.

Dwar l-akkuza l-ohra li l-imputat kiser ordni ta' probation ohra u cioe dik moghtija lilu nhar l-hmistax ta' Mejju 2001 mill-Qorti tal-Magistrati fejn gie liberat bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien tlett snin, il-Qorti ezaminat l-atti u rat li din s-sentenza giet wkoll esibita a fol 41 markata bhala dokument CSH. Illi din s-sentenza giet wkoll kkonfermata fil-konfront tal-imputat odjern mill-Ispettur Mario Bonello nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Settembru 2001 meta stqarr li kien hu l-Ufficjal Prosekutur f'dik s-sentenza u gharaf lil imputat odjern bhala l-istess persuna imsemmija f'dik s-sentenza. Illi ghalhekk dan r-reat ta' serq aggravat li l-Qorti sabet lil imputat hati aktar 'l fuq sehh fil-perjodu operattiv ta' din il-probation.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi kif elenkati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-hdax ta' Dicembru 2002.

Dwar il-piena:

Illi l-Avukat Difensur talab lil Qorti sabiex f'kaz ta' htija tkun klementi mal-imputat peress li huwa ghandu problema akuta ta' abbuza ta' droga. Illi dwar dan il-Qorti m'ghandhix dubbju peress li minn ezami tal-fedina penali tieghu esibita fl-atti a fol 9 et seq, jirrizulta li l-imputat diga nstab hati ta' pussess ta' droga eroina u dan fis-sena 2001 meta kien inghata ordni ta' probation. Il-Qorti semghet wkoll lil Nancy Scerri tixhed nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Jannar 2003 fil-kapacita taghha ta' Head of Outreach Services tal-Komunita tal-Caritas fejn qalet li l-imputat ghadu mhux motivat bizzejjed u ghalhekk hija pproponiet li jibda kors ta' disintossifikazzjoni una volta ikun lest.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita u facilita biex vittmi tad-droga jfiequ minn dan il-vizzju. Din

il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien qieghed quddiemha, ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min veru wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata kull cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi f'il-kaz tal-imputat odjern, il-Qorti ma hi qed thossha xejn konvinta kemm din t-talba tieghu biex johrog minn din il-problema hija wahda sinciera u affidabbli. Jirrizulta li veru li l-imputat jabbuza mill-uzu tad-droga izda ma jirrizultax kemm kienu genwini l-isforzi tieghu precedenti sabiex jgheleb dan il-vizzju, li certament ilu fuqu ghal aktar minn tlett snin. Ma jirrizultax li huwa qatt attenda ghal xi kors u kien biss meta l-imputat m'inghatax il-liberta provizorja f'dan il-kaz li wera x-xewqa li jattendi ghal kors ta' riabilitazzjoni.

Illi l-imputat diga kellu mill-inqas hames kawzi kriminali l-Qorti u donnu ma tghallimx minnhom ghaliex reggha qieghed l-Qorti fuq l-istess tip ta' akkuzi u cioe serq. Illi l-Qorti thoss li ghandha tikkreja bilanc meta tigi biex tapplika l-piena bejn l-interess tal-imputat u l-protezzjoni li ghandha taghti lis-socjeta. Illi l-vittma f'dan il-kaz u cioe Dottor Giovanni Mamo baqa b'xejn, bla ma gie kumpensat ghad-danni li sofra.

Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost il-Qorti ma thossx li m'ghandhix tapplika piena karcerarja.

**Ghalhekk wara li l-Qorti rat l-artikolu 216(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271, 278, 279, 325, 334, 308 u 309 tal-Kap 9 u l-artikolu 10(1)(a) tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lil imputat PAUL MICHAEL KAVANAGH hati tal-akkuza ta' serq aggravat bil-mezz, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur u talli ghamel reat waqt l-operat ta' ordni ta' probation u tiddecidi li tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn, filwaqt li tilliberah mill-akkuzi l-ohra.**

**Il-Qorti tordna li z-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz jitnaqqas mis-**

**sentenza ta' prigunerija imposta fuqu llum b'din s-sentenza.**

**In oltre l-Qorti taghmel r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jindirizza l-problema ta' droga li ghandu l-imputat possibilment billi jintbaghat ghal programm ta' disintossifikazzjoni.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------